MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Talba Numru. 87/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Desmond Scerri**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ tlett mija u ghaxar liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm310.16) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 2155373549 (Acc. No. 10122577) liema servizz gie installat fil-fond bin-numru 124E. St. George’s Road, St. Julian’s, Malta, skond kif jidher mill-kopja tas-service agreement hawn anness u immarkat bhala dokument “A”.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx ghas-seduti tat-Tribunal.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Azzopardi rapprezentant tas-socjeta' attrici u ra d-dokumenti esibiti.

U billi t-talba attrici tinstab ippruvata

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-istess talba billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM310.16c dovuti in konnessjoni ma' servizz tat-telefon kif jirrizulta mill-avviz tat-talba. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat difensur tas-socjeta' attrici u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------